# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Ġunju 2025**

**Numru 45**

**Rikors numru 430/2022/1 HM**

**Richard Saliba, Armando Spiteri,**
**Gregory Carlo Spiteri u Caterina Camilleri**
**v**
**l-Avukat tal-Istat u Marika Sciberras**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-Avukat tal-Istat minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha nhar id-19 ta' Settembru 2024, wara li l-Ewwel Qorti sabet li r-rikorrenti sofrew ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom kif sanċiti bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, frott it-tħaddim tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta'

Malta u l-Att X tal-2009 u llikwidat danni pekunarji ta' tlieta u erbgħin elf, tliet mija u disgħa u disgħin ewro (€43,399.00) u ħmistax-il elf ewro (€15,000) bħala danni non-pekunarji, bl-ispejjeż kontra l-Avukat tal-Istat.

**Daħla**

2. Ir-rikorrenti huma s-sidien tal-fond bl-isem Rose, ġewwa Triq Papa Piju XII B'kara, soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta. Huma jilmentaw li l-liġi, hekk kif viġenti, ma żammitx bilanċ bejn id-drittijiet tas-sid u l-kerrej u li l-liġi intervjeniet fit-tgawdija tal-propjetà tar-rikorrenti. Għaldaqstant, huma ressqu s-segwenti talbiet:

> *"a.Tiċħad l-eċċezzjoni tal-intimata Marika Sciberras biex tiġi meħlusa mill-osservanza tal-ġudizzju;*
>
> *b.Tilqa' limitament l-istedina tal-intimata Marika Sciberras biex teżerċita d-diskrezzjoni taħt l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni, u l-artikolu 4(2) tal-Kap. 319, billi ma teżerċitax il-ġurisdizzjoni kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha safejn l-ilment tar-rikorrenti jikkonċerna l-perjodu ta' wara d-dħul fis-seħħ tal-Att XXVII tal-2018;*
>
> *c.Rigward l-ewwel talba tar-rikorrenti, tiddikjara u tiddeċiedi li fil-konfront tar-rikorrenti, l-operat tal-Kap. 158 u l-Att X tal-2009, jikser id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti fl-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319);*
>
> *d.Tilqa' t-tielet talba attriċi, billi tillikwida d-danni pekunjarji fis-somma ta' €43,399.00 u d-danni non-pekunjarji jew morali fis-somma ta' €15,000, li b'kollox jammontaw għas-somma ta' €58,399;*
>
> *e.Tilqa' t-tieni u r-raba' talbiet attriċi billi, tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għad-danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-operazzjonijiet tal-Kap. 158 u L-Att X tal-2009 u tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat jħallas l-istess kumpens u danni likwidati skont (iv).*

*Bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tas-sentenza. L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-Avukat tal-Istat."*

3. L-Avukat tal-Istat u l-intimata Marika Sciberras ressqu r-risposti tagħhom. Permezz tas-sentenza tal-Ewwel Qorti tad-19 ta' Settembru 2024 ġie deċiż li:

*"a.Tiċħad l-eċċezzjoni tal-intimata Marika Sciberras biex tiġi meħlusa mill-osservanza tal-ġudizzju;*

*b.Tilqa' limitament l-istedina tal-intimata Marika Sciberras biex teżerċita d-diskrezzjoni taħt l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni, u l-artikolu 4(2) tal-Kap. 319, billi ma teżerċitax il-ġurisdizzjoni kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha safejn l-ilment tar-rikorrenti jikkonċerna l-perjodu ta' wara d-dħul fis-seħħ tal-Att XXVII tal-2018;*

*c.Rigward l-ewwel talba tar-rikorrenti, tiddikjara u tiddeċiedi li fil-konfront tar-rikorrenti, l-operat tal-Kap. 158 u l-Att X tal-2009, jikser id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti fl-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319);*

*d.Tilqa' t-tielet talba attriċi, billi tillikwida d-danni pekunjarji fis-somma ta' €43,399.00 u d-danni non-pekunjarji jew morali fis-somma ta' €15,000, li b'kollox jammontaw għas-somma ta' €58,399;*

*e.Tilqa' t-tieni u r-raba' talbiet attriċi billi, tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għad-danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-operazzjonijiet tal-Kap. 158 u L-Att X tal-2009 u tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat jħallas l-istess kumpens u danni likwidati skont (iv).*

*Bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tas-sentenza. L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-Avukat tal-Istat."*

4. L-Avukat tal-Istat ħassu aggravat b'din is-sentenza u ressaq appell nhar id-19 ta' Settembru 2024. Ir-rikorrenti ressqu risposta nhar l-10 ta' Ottubru 2024 u wara ċedew l-atti fil-konfront tal-intimata Marika Sciberras permezz ta' nota preżentata nhar it-3 ta' Marzu 2025.

**L-Appell tal-Avukat tal-Istat**

5. **L-appell tal-Avukat tal-Istat idur mal-ilment li** d-danni non-pekunarji likwidati huma eċċessivi u li r-rata applikata mill-Ewwel Qorti, ta' ħames mija (€500) fis-sena hi sproporzjonata fil-każ odjern u timmerita li tiġi mnaqqsa għall-iċken rata. Jgħid li huwa minnu li s-sentenza Henry Deguara Caruana Gatto ċċitata mill-Ewwel Qorti, ġiet fil-fatt iċċitata f'numru ta' sentenzi oħra u b'hekk forsi nħolqot impressjoni żbaljata li kienet inħolqot xi forma ta' prassi li r-rata ta' €500 fis-sena bħal danni morali kellha tkun applikabbli. Madankollu u b'referenza lejn sentenzi mogħtija minn din il-Qorti Kostituzzjonali, senjatament B. Tagliaferro & Sons Limited vs L-Avukat tal-stat et, Carmelina Bugeja vs Nazzareno Spiteri et u Joseph Mary Duca et vs Reno Farrugia, mhuwiex minnu li ġiet stabbilita xi regola fissa li l-kumpens non-pekunarju għandu jiġi kalkulat fis-somma ta' €500 fis-sena. Jargumenta li jekk jiġu applikati dawn is-sentenzi, l-ammont likwidat ta' €15,000 għandu jitnaqqas u li mill-provi ma jidhirx li r-rikorrenti għamlu xi sagrifiċċji kbar u li l-passività tal-appellati hi manifesta. *In oltre*, li minkejja li kellhom rimedju taħt l-artikolu 12B tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta huma rrikorrew għal dan ir-rimedju, erba' snin wara l-ħolqien ta' dan ir-rimedju. Jisħaq li kumpens pekunarju ta' tlett elef ewro (€3000) kien ikun biżżejjed.

6. **L-appellati** jirrispondu li l-Ewwel Qorti llikwidat il-kumpens non-pekunarju *arbitrio boni viri* li jfisser li l-Ewwel Qorti ħasset li kien ikun ġust li r-rikorrenti jkunu kkumpensati bir-rata applikata. Jargumentaw li l-ġudizzju tal-Ewwel Qorti ma għandux jiġi ddisturbat. Jgħidu li l-fatt li damu ma istitwew il-kawża ma għandux iwassal u ma jistax iwassal għall-konklużjoni li huma traskurati u r-rikorrenti ma kellhom l-ebda obbligu li jressqu l-kawża qabel. Jgħidu li huwa biżżejjed li huma rċevew kumpens wara li sar tnaqqis minnu u għalhekk huwa ġust li jirċievu danni morali ta' €500 fis-sena.

7. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

> *"Il-Qorti ser tillikwida arbitrio boni viri bħala danni non-pekunjarji, jew morali, is-somma ta' €15,000, cioè €500 għal kull sena ta' leżjoni. Dana wara li kkonsidrat il-quantum tal-kumpens ġeneralment mogħti f'deċiżjonijiet ta' din ix-xorta.*
>
> *38 Ara, fost oħrajn, 36/18, Henry Deguara Caruana Gatto vs L-Avukat tal-Istat et, Qorti Kostituzzjonali, deċiża 23 ta' Novembru 2020."*

**Ikkunsidrat**

8. **Din il-Qorti** taqbel mal-Avukat tal-Istat. Ma tarax li jeżistu ċirkostanzi li jimmeritaw li r-rikorrenti jirċievu kumpens non pekunarju daqshekk għoli. Ma saret ebda prova ta' xi tbatija estrema li sofrew ir-rikorrenti li l-kumpens pekunarju mhux ser jagħmel tajjeb għalih. Rat li l-fond wasal għand ir-rikorrenti *tramite* s-suċċessjoni u għalkemm kulħadd għandu d-dritt iressaq l-azzjoni fiż-żmien li ttih il-liġi, huwa indikattiv il-

passi li wieħed ikun ħa biex itaffi s-sitwazzjoni. Meqjusa l-fatti, din il-Qorti tqis li jkun xieraq li minflok il-kumpens non-pekunarju llikwidat mill-Ewwel Qorti, ir-rikorrenti jirċievu kumpens non-pekunarju ta' sitt elef ewro (€6,000).

**Deċide**

9. Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell tal-intimat Avukat tal-Istat u konsegwentement tħassar dik il-parti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn illikwidat ħmistax-il elf ewro (€15,000) f'danni non-pekunarji u minflok tillikwida danni non-pekunarji ta' sitt elef ewro (€6,000). Konsegwentement minflok il-kumpens globali ta' tmienja u ħamsin elf, tlett mija u disgħa u disgħin ewro (€58,399), l-Avukat tal-Istat għandu jħallas lir-rikorrenti l-kumpens globali ta' disgħa u erbgħin elf, tliet mija u disgħa u disgħin ewro (€49,399). Tikkonferma l-kumplament tas-sentenza tal-Ewwel Qorti safejn huwa kompatibbli ma' din is-sentenza.

Spejjeż ta' dan l-appell jiġu sopportati mir-rikorrenti.

| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |
|---|---|---|

Deputat Reġistratur
jb